# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 1.9

**Kap 1: Id-Dinja sabiħa!**

**Lezzjoni 1.9 – Madwarek kollu sabiħ**

**L-Għanijiet:**




**L-istudenti:**

1. Jirrevedu l-istorja tal-ħolqien.
2. Jagħrfu aktar kemm Alla ħabbna meta ħalaq lilna u kulma hawn madwarna għalina.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



- karta għal kull grupp
- *Video clip L-Istorja tal-Ħolqien:*

http://www.youtube.com/watch?v=BOZa45ZXby8

- *Karta ta' Taħriġ 1.5:* Madwarek kollu sabiħ

**Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**

- Ikteb il-kelma 'ħolqien' fuq il-bord u ara t-tfal x' se jiftakru. Għin lit-tfal jiftakru li hemm affarijiet li ħalaqhom Alla u oħrajn li jagħmilhom il-bniedem.
- Aqsam lit-tfal fi gruppi u agħtihom karta f'kull grupp. F' nofs il-karta ikteb ħolqien u t-tfal iridu jiktbu jew ipinġu affarijiet li jagħmlu parti mill-ħolqien.



**Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)**



- Erġa' għaqqad il-gruppi bħala klassi u kull grupp jgħid x'kitbu jew x'pinġew.
- Staqsi lit-tfal: Min ħalaq kollox? Alla ħalaq kollox f' darba jew ħa ż-żmien?
- Irrevedi dak li ħalaq Alla billi turi lit-tfal l-istorja tal-ħolqien mil-link: http://www.youtube.com/watch?v=BOZa45ZXby8
- Staqsi:
  - Alla, x' ħalaq l-ewwel?
  - X' ħalaq iżjed?
  - Lil min ħalaq Alla sabiex jieħu ħsieb il-ħolqien?
  - Lil min tah biex tgħinu?
  - Għaliex tahom l-annimali u l-frott?
  - Dan kollu x' jurina? Li Alla ħaseb għal kollox sabiex il-bniedem ma jkun jonqsu xejn u jkun ferħan.

- X' se ngħidulu lil Alla talli ħalaqna u ta' dawn l-affarijiet sbieħ ta' madwarna?
- Stieden lit-tfal ikantaw: Grazzi.
- Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 1.5 u għin lit-tfal jifhmu Attività 1 u jpinġu l-kumplament tal-istampa. Tajjeb li dawk it-tfal li għadu diffiċli għalihom li jpinġu bil-kuluri addattati jiġi mgħejjuna jagħmlu dan.
- Iġbed l-attenzjoni għal Attività 2 u bħala klassi iddiskuti mat-tfal is-sentenzi u liema parti mis-sentenza tmur mal-parti t-tajba.
- Iddiskuti l-Attività ta' Sam u Tara u ħalli lit-tfal jaslu huma stess għat-tweġiba t-tajba.
- Enfasizza l-importanza ta' mġiba tajba fil-ġonna tagħna.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**




1. Alla tant iħobbna li ħalaq kollox għalina.
2. Ta' dan kollu, aħna għandna ngħidu 'grazzi'.
3. Importanti ħafna li nuru l-apprezzament tagħna billi nieħdu ħsieb il-ħolqien.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

Alla tant iħobbna li ħalaq kollox għalina. L-istudenti jifhmu li għandhom jieħdu ħsieb il-ħolqien u juru li napprezzaw l-imħabba t' Alla għalina.  Ikollhom sens ta' apprezzament u gratitudni lejn Alla li ħalaq dan kollu għalina.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Inkantaw Grazzi.



## Nitolbu



Mulej, inti ħlaqtna xbieha tiegħek u tajtna ħolqien sabiħ sabiex ingawduh u nkunu ferħana.  Għinna sabiex nieħdu ħsiebu u nagħtuk ġieh.   Grazzi Mulej!